A.L. 317 ta' l-2005

ATT DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI (KAP. 318)

Regolamenti ta' l-2005 dwar Trattament Indaqs fi Skemi ta' Sigurtà Soċjali Okkupazzjonali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 134 ta' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, il-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2005 dwar Trattament Indaqs fi Skemi ta' Sigurtà Soċjali Okkupazzjonali.

(2) Dawn ir-regolamenti jdaħħlu fis-seħħ id-disposizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva tal-Kunsill 86/378/KEE, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 96/97/KE, dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament indaqs għall-irġiel u n-nisa fi skemi ta' sigurtà soċjali okkupazzjonali.

(3) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament indaqs għall-irġiel u n-nisa fi skemi ta' sigurtà soċjali okkupazzjonali.

(4) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għal:

(a) membri tal-popolazzjoni tax-xogħol, inklużi persuni li jaħdmu għal rashom jew li jaħdmu għalihom infushom, persuni li l-attività tagħhom hija interrotta minn mard, maternità, inċident jew qgħad involontarju u persuni li jkunu qegħdin ifittxu x-xogħol, ħaddiema irtirati u b'diżabilità, u dawk li jressqu l-pretensjoni tagħhom bis-saħħa tagħhom, skond id-disposizzjonijiet li japplikaw tal-liġi u/jew tal-konswetudni;

(b) skemi okkupazzjonali li jipprovdu ħarsien kontra l-mard, l-invalidità, ix-xjuħija, l-irtirar kmieni, inċidenti industrijali, mard okkupazzjonali u qgħad;

(ċ) skemi okkupazzjonali li jipprovdu għal benefiċċji soċjali oħra, kemm fi flus kemm f'xorta oħra, u b'mod partikolari benefiċċji tas-superstiti u *allowances* għall-familja jekk dawk il-

benefiċċji jingħataw lil persuni impjegati, u li jkunu jikkostitwixxu korrispettiv imħallas mill-prinċipal lill-ħaddiem minħabba fl-impjieg tiegħu.

(5) Dawn ir-regolamenti ma japplikawx għal:

(a) kuntratti individwali għal ħaddiema li jaħdmu għal rashom;

(b) skemi għal ħaddiema li jaħdmu għal rashom li jkollhom membru wieħed biss;

(ċ) kuntratti ta' assigurazzjoni, fil-każ ta' ħaddiema salarjati, li l-prinċipal ma jkunx parti fihom;

(d) disposizzjonijiet ta' għażla ta' skemi okkupazzjonali offruti lill-parteċipanti individwalment biex jiggarantulhom:

(i) benefiċċji addizzjonali, jew

(ii) għażla tad-data meta jibdew jingħataw il-benefiċċji normali għal ħaddiema li jaħdmu għal rashom, jew għażla bejn diversi benefiċċji;

(e) skemi okkupazzjonali sakemm il-benefiċċji jkunu finanzjati minn kontribuzzjonijiet imħallsin minn ħaddiema fuq bażi volontarja.

Tifsir.

2. (1) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx titlob xort'oħra:

"l-Att" tfisser l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali;

"prinċipju ta' trattament indaqs" tfisser li ma jkunx hemm trattament diskriminatorju dirett jew indirett bejn l-irġiel u n-nisa b'mod partikolari b'referenza għall-istatus ta' żwieġ jew ta' familja;

"skemi ta' sigurtà soċjali okkupazzjonali" tfisser skemi, maħsubin biex jissupplementaw jew jissostiwixxu l-benefiċċji provduti mill-Att, kemm jekk is-sħubija f'dawn l-iskemi hi waħda obbligatorja kemm jekk issir b'għażla, u li għandhom l-iskop li jipprovdu lil persuni impjegati, li jaħdmu għal rashom u li jaħdmu għalihom infushom f'intrapriża jew fi grupp ta' intrapriżi, kull xorta ta' attività ekonomika, settur jew grupp ta' setturi okkupazzjonali;

"trattament diskriminatorju" tfisser kull distinzjoni, esklużjoni, restrizzjoni jew differenza fit-trattament, kemm diretta

kemm indiretta, bejn l-irġiel u n-nisa li m'humiex ġustifikabbli f'soċjetà demokratika.

(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-sub-regolament (1) ta' dan ir-regolament, kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti għandu jkollhom, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx titlob mod ieħor, it-tifsira li għandhom fl-Att.

Kunċett ta' trattament diskriminatorju.

3. (1) Ħadd ma għandu jassoġġetta persuna oħra għal trattament diskriminatorju, kemm direttament kemm indirettament, b'mod partikolari għal dak li hu:

(a) l-iskop ta' l-iskemi u tal-kondizzjonijiet biex dawn jintlaħqu;

(b) l-obbligu li ssir kontribuzzjoni u l-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet; u

(ċ) il-kalkolu tal-benefiċċji, inklużi benefiċċji supplementari dovuti fir-rigward tar-raġel jew tal-mara, jew ta' dipendenti, u l-kondizzjonijiet li jirregolaw għal kemm żmien idum u kif jinżamm id-dritt għal benefiċċji.

(2) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti:

(a) għandu jiftiehem li jkun sar trattament diskriminatorju dirett meta xi persuna tiġi trattata b'mod inqas favorevoli minn kif oħra bħala tiġi, kienet jew tkun se tiġi trattata f'sitwazzjoni komparabbli;

(b) għandu jiftiehem li jkun sar trattament diskriminatorju indirett meta xi provvediment, kriterju jew prattika li jidhru newtrali jqiegħdu lil xi persuni fi żvantaġġ meta mqabblin ma' persuni oħrajn kemm-il darba dak il-provvediment, kriterju jew prattika ma jkunx oġġettivament ġustifikat bi skop leġittimu u l-mezzi biex jintlaħaq dak l-iskop ikunu adatti u neċessarji.

Disposizzjonijiet f'kuntratti, pattijiet, regoli oħra jew kull liġi oħra.

4. (1) Kull disposizzjoni kuntrarja għall-prinċipju ta' trattament indaqs f'xi liġi, kuntratt jew patt individwali jew kollettiv, regoli interni ta' intrapriżi jew regoli li jirregolaw lil xi organizzazzjoni reġistrata skond il-liġi li tkun tapplika, għandha titqies bħala waħda nulla u bla effett.

(2) Id-disposizzjonijiet imsemmija fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament għandhom jinkludu dawk id-disposizzjonijiet:

(a) li jistabbilixxu min huma l-persuni li jistgħu jipparteċipaw fi skema okkupazzjonali;

(b) li jistabbilixxu n-natura obbligatorja jew ta' għażla ta' parteċipazzjoni fi skema okkupazzjonali;

(ċ) li jistipulaw regoli differenti fir-rigward ta' l-età tad-dħul fl-iskema jew l-inqas żmien ta' impjieg jew sħubija meħtieġa biex jinkisbu l-benefiċċji tad-dħul;

(d) li jistipulaw regoli differenti, ħlief kif hemm provdut fil-paragrafi (h), (i) u (j) ta' dan is-subregolament, għall-ħlas lura ta' kontribuzzjonijiet meta ħaddiem joħroġ minn skema bla ma jkun issodisfa l-kondizzjonijiet li jiggarantixxu dritt differit għal benefiċċji fuq medda ta' żmien fit-tul;

(e) li jagħmlu kondizzjonijiet differenti għall-għoti ta' benefiċċji jew li jirrestrinġu dawk il-benefiċċji lill-ħaddiema skond jekk humiex irġiel jew nisa;

(f) li jistabilixxu etajiet ta' rtirar differenti;

(g) li jissospendu ż-żamma jew akkwist ta' drittijiet tul perjodi ta' *leave* għall-maternità jew ta' *leave* għal raġunijiet familjari, mogħtijin bil-liġi jew skond xi patti u li jitħallsu mill-prinċipal;

(h) li jistabbilixxu livelli differenti ta' benefiċċji, ħlief daqstant kemm dan jista' jkun neċessarju biex jitqiesu fatturi ta' kalkolu li jsir minn attwarji li jiddifferixxu skond is-sess fil-każ ta' skemi b'kontribuzzjoni definita:

Iżda fil-każ ta' skemi finanzjati ta' benefiċċji definiti, ċertu elementi inklużi:

(i) l-konverżjoni f'somma kapitali ta' xi parti minn pensjoni perjodika;

(ii) t-trasferiment ta' drittijiet għal pensjoni;

(iii) pensjoni li tiġi riveduta u li titħallas lil dipendenti wara li tiġi ċeduta parti minn pensjoni;

(iv) pensjoni mnaqqsa meta ħaddiem jagħżel li jirtira kmieni;

jistgħu ma jkunux indaqs meta l-inugwaljanza ta' l-ammonti tkun tirriżulta mill-effetti ta' l-użu ta' fatturi li jħaddmu l-attwarji u li

jkunu jiddifferixxu skond is-sess, fil-waqt meta l-iffinanzjar ta' l-iskema ikun qed jiġi implimentat;

(i) li jistabbilixxu livelli differenti għall-kontribuzzjonijiet tal-ħaddiema;

(j) li jistabbilixxu livelli differenti għall-kontribuzzjonijiet tal-prinċipali, ħlief:

(i) fil-każ ta' skemi b'kontribuzzjoni definita, jekk l-iskop ikun li jinġieb indaqs l-ammont ta' benefiċċji finali jew li dawn isiru kważi aktar indaqs għaż-żewġ sessi;

(ii) fil-każ ta' skemi b'benefiċċji definiti, meta l-kontribuzzjonijiet tal-prinċipal ikunu maħsubin biex jiżguraw li l-fondi meħtieġa jkunu biżżejjed biex ikopru l-ispejjeż tal-benefiċċji definiti;

(k) li jiġu stipulati *standards* differenti jew *standards* li japplikaw biss għal ħaddiema ta' xi sess speċifikat, ħlief kif provdut fil-paragrafi (h), (i) u (j) ta' dan is-subregolament, fir-rigward tal-garanzija jew iż-żamma tad-dritt għal benefiċċji differiti meta ħaddiem joħroġ minn skema.

(3) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, meta l-għoti ta' benefiċċji jitħalla fid-diskrezzjoni tal-korpi ta' tmexxija ta' l-iskema, dawn ta' l-aħħar għandhom ikunu konformi mal-prinċipju tat-trattament indaqs.

Azzjoni pożittiva.

5. Ebda ħaġa f'dawn ir-regolamenti ma għandha:

(a) tippreġudika xi disposizzjoni ta' xi liġi li għandha x'taqsam mal-ħarsien tan-nisa għax ikunu ommijiet;

(b) għall-iskopijiet li tingħata pensjoni bis-saħħa ta' skema okkupazzjonali, iżżomm lil xi prinċipal milli jagħti lil persuni li jkunu diġà laħqu l-età ta' l-irtirar iżda li jkunu għadhom ma laħqux l-età ta' l-irtirar għall-iskopijiet ta' l-għoti ta' pensjoni statutorja, pensjoni supplementari li jkollha l-għan li ġġib indaqs l-ammont kollu totali ta' benefiċċju mħallas lil dawn il-persuni skond l-ammont imħallas lil persuni tas-sess oppost li jkunu jinsabu fl-istess sitwazzjoni u li jkunu diġà laħqu l-età ta' rtirar stipulat mil-liġi, sa dak il-waqt meta l-persuni li jkunu qegħdin jibbenefikaw mis-supplement ta' pensjoni jilħqu l-età ta' rtirar stabbilita mil-liġi.

Età tal-pensjoni flessibbli.

6. Meta f'xi skema okkupazzjonali jiġi provdut dwar età tal-pensjoni flessibbli, allura t-talba li ssir sew minn irġiel sew minn nisa li

jressqu pretenzjoni taħt l-istess kondizzjonijiet għandha titqies bħala waħda kompatibbli ma' dawn ir-regolamenti.

Talba għal rapport.

7. (1) Meta ssir allegazzjoni li tkun saret xi forma ta' trattament diskriminatorju, il-persuna li tagħmel l-allegazzjoni għandu jkollha d-dritt li tibgħat ilment bil-miktub lill-korp ta' tmexxija ta' l-iskema, hawn iżjed il quddiem imsejjaħ il-korp ta' tmexxija, dwar it-trattament diskriminatorju allegat li tkun irċiviet, fejn tagħti kull dettall rilevanti u titlob tweġiba. Meta jirċievi din in-notifika, il-korp ta' tmexxija għandu jippreżenta tweġiba bil-miktub fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol minn meta jirċievi l-ilment, u jagħti l-verżjoni tiegħu tal-ġrajjiet u l-motivi għaliex ikun qiegħed jikkontesta l-allegazzjonijiet, kif ukoll spjegazzjoni tal-proċeduri rilevanti kollha adottati mill-korp ta' tmexxija biex ma jħallix li jkun hemm trattament diskriminatorju.

(2) Kull korrispondenza msemmija fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament għandha tkun ammissibbli fi proċeduri mressqa quddiem kull qorti, u jekk jidher lill-qorti li l-korp ta' tmexxija deliberatament, u mingħajr ebda skuża raġonevoli, naqas li jwieġeb fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol mid-data meta jkun irċieva dak l-ilment jew li t-tweġiba tiegħu kienet waħda eważiva jew ekwivoka, il-qorti tista' tagħmel kull inferenza minn dak il-fatt li jkun jidhirlha ġust u ekwu li għandha tagħmel, inkluża inferenza li jkun ikkometta att illegali.

Tkeċċija inġusta.

8. Impjegat li jkun tkeċċa għandu jitqies li jkun tkeċċa inġustament jekk ir-raġuni, jew jekk ikun hemm aktar minn raġuni waħda, ir-raġuni prinċipali, tat-tkeċċija ta' dak l-impjegat kienet bi tweġiba min-naħa tal-prinċipal għal ilment magħmul f'livell ta' intrapriża, jew għall-istituzzjoni ta' proċeduri legali maħsubin biex jinfurzaw konformità mal-prinċipju ta' trattament indaqs.

Difiża ta' drittijiet.

9. Ebda ħaġa ma għandha żżomm lil xi assoċjazzjoni, organizzazzjoni jew entità legali oħra, li jkollhom interess leġittimu li jiżguraw li jkun hemm konformità ma' dawn ir-regolamenti, milli tintervjeni jew f'isem jew b'sostenn ta' min jagħmel l-ilment, bl-approvazzjoni tiegħu jew tagħha, fi proċeduri ġudizzjarji jew amministrattivi li hemm provduti għall-infurzar ta' obbligi taħt dawn ir-regolamenti.

Reati.

10. Kull min jikser id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti ikun ħati ta' reat u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn elf lira.